MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

02 ta' Diċembru 2021

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
John P.Bonnici – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Remigio Bartolo – Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.09pm. Il-Laqgħa bdiet hekk kif kien hemm quorum b'sitta minn disgħa membri preżenti. Is-Sindku irringrazzja lil dawk preżenti minħabba li din il-laqgħa kienet bla pjan għalhekk apprezza min seta' jattendi.

## 37.1 Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet Servizz ta' Emerġenza Tindif ta' Toroq

37.1.1 Is-Sur Cordina qal li kif jafu fil-laqgħa preċedenti kienu qalu li ħa jiġi mitmum il-kuntratt tal-kuntrattur tal-knis u tindif tat-toroq u għalhekk wara li ġie avzat id-Dipartiment għall-Gvern Lokali, dan tal-aħħar talab l-approvazzjoni kwotazzjoni, minn tliet kuntratturi li nstabu minn fuq l-epps tenders differenti u ntalbitilhom kwotazzjoni li ġew sottomessi hekk:

Galea Cleaning Solutions € 380 VAT Esklużа kull ġurnata
WM Environmental Limited € 413 VAT Inklużа kull ġurnata
Veladrians Limited €300 VAT Esklużа kull ġurnata

Is-Sur Cordina propona li mmorru fuq l-irħas offerta dik ta' Veladrians Limited jekk kulħadd jaqbel.

Il-Perit Giorgio Schembri saqsa x'jinkorpora fih tas-servizz tal-emerġenza? Is-Sur Cordina qal li dan hu s-servizz t'emerġenza tal-knis. Il-Perit Schembri saqsa jekk hux ħa tiġi osservata l-iskeda ta' qabel. Is-Sur Cordina qal li iva.

Is-Sur Bonnici saqsa kemm ħa jkunu kenniesa u s-Sur Cordina qal li ħamsa jridu jkunu u dana minħabba li llum qal li tlieta ra.

L-Avukat Brincat u s-Sur Galea saqsew jekk hux ħa jkollhom l-istess kundizzjonijiet u s-Sindku irrisponda li iva sakemm toħroġ it-tender u rega' fakkar li dan hu biss servizz t'emerġenza.

Kulħadd qabel fuq l-irħas offerta dik ta' Veladrians Limited.

## 37.2 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

37.2.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.13pm u ġiet aġġornata għall-15 ta' Diċembru 2021 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 15 ta' Diċembru 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |